

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 53(3)(a) u (d) tar-Regolament (KE) 883/2004 <sup>(1)</sup> għandu jitqies bħala waħda mid-dispożizzjonijiet li tgħid mod ieħor imsemmija fl-Artikolu 5 tiegħu, u għaldaqstant għandu japplika minflok id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 (b)?
- 2) Għall-finijiet tal-Artikolu 53(3)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jitqies li l-leġiżlazzjoni Spanjola dwar iż-żieda ta' 20 % inkluża fil-pensjoni għal diżabilità permanenti totali għall-eżerċizzju tal-professjoni abitwali hija leġiżlazzjoni li tipprevedi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-benefiċċji jew tad-dħul miksuba barra mill-pajjiż?
- 3) Fil-każ ta' risposta negattiva għad-domanda preċedenti, għandu jitqies li l-prassi amministrattiva u ġudizzjarja Spanjola li tissospendi l-pagament taż-żieda ta' 20 % inkluża fil-pensjoni għal diżabilità permanenti totali għall-eżerċizzju tal-professjoni abitwali meta l-benefiċjarju huwa eliġibbli għal pensjoni tal-irtirar minn Stat Membru ieħor, hija kuntrarja għal din ir-regola Komunitarja?
- 4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda 2(a), il-fatt li ż-żieda ta' 20 % inkluża fil-pensjoni għal diżabbiltà permanenti totali sabiex tiġi eżerċitata l-prodossjoni abitwali tiġi sospiża wkoll fir-rigward tal-parti li teċċedi l-ammont tal-pensjoni miksuba fi Stat Membru ieħor, huwa inkompatibbli mal-Artikolu 53(3)(d) tal-imsemmi Regolament?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2017 minn Internacional de Productos Metálicos, S.A. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-25 ta' Jannar 2017 fil-Kawża T-217/16, Internacional de productos metálicos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-145/17 P)

(2017/C 195/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Appellanti*: Internacional de Productos Metálicos, S.A. (rappreżentanti: C. Cañizares Pacheco, E. Tejedor de la Fuente u A. Monreal Lasheras, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura*: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-25 ta' Jannar 2017, fil-Kawża T-217/16.

— tirrinviija l-kawża preżenti T-217/16 lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddeċiedi dwar il-limitazzjoni *ratione temporis* stabbilita fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) tal-Kummissjoni Nru 2016/278, tas-26 ta' Frar 2016.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

1. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' *locus standi* sabiex jiġi ppreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kontra r-Regolament 2016/278 <sup>(1)</sup>, sa fejn jiġi kkunsidrat li f'din is-sitwazzjoni huma ssodisfatti r-reqwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Kif inhu magħruf minn din il-Qorti, dawn ir-reqwiżiti huma: i) effett dirett u individwali tal-att ikkontestat jew ii) effett dirett ta' atti leġiżlattivi li ma jnvolvux miżuri ta' implementazzjoni.

Fir-rigward tal-**effett dirett u individwali tal-att ikkontestat**, ir-rikorrenti tqis li l-Qorti Ġenerali ma tikkontesta bl-ebda mod l-eżistenza ta' **effett dirett** fil-konfront tagħha. Madankollu, dwar **l-effett individwali**, dan jeżisti fil-konfront ta' IPM, peress li r-Regolament inkwistjoni jaffettwa lill-importaturi kollha li fid-DAU tagħhom jinkludu nomenklaturi jew kodiċi TARIC dwar il-prodotti li jagħtu lok għal dazji antidumping, bejn is-snin 2009 (dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 91/2009) u 2016 (dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 2016/278), inklużi. Għaldaqstant, dawn l-importaturi jiffurmaw "*ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi*", peress li l-limitazzjoni tal-effetti tat-tneħħija ta' tad-dazji anti-dumping taffettwahom b'mod konkret u speċifiku.

Min-naħa l-oħra, rigward tal-**effett dirett ta' atti leġiżlattivi li ma jnvolvux miżuri ta' implementazzjoni**, l-analiżi tiffoka fuq l-akkreditazzjoni tal-assenza ta' atti ta' implementazzjoni fir-Regolament 2016/278. Għaldaqstant, il-pagamenti magħmula li l-Qorti Ġenerali tirreferi għalihom bħala atti ta' implementazzjoni tar-regolament ma jistgħu jitqiesu b'dan il-mod, peress li l-uniċi tranżazzjonijiet riċevuti mir-rikorrenti joriġinaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 91/2009 <sup>(2)</sup>, peress li ma rċevew bl-ebda mod pagamenti li joriġinaw mid-dispożizzjonijiet tar-regolament ikkontestat (Regolament Nru 2016/278). Prova ta' dan huwa l-istess pagamenti li dak iż-żmien saru lil IPM mill-awtoritajiet fiskali Spanjoli saru qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament ikkontestat.

B'hekk, l-Artikolu 2 ikkontestat huwa regola awtonoma li ma teħtieġ ebda att posterjuri sabiex tipproduċi effetti legali mill-jum tad-dħul fis-seħħ tagħha, ladarba sempliċement iħassar xi dazji antidumping minħabba l-inkompatibbiltà tiegħu mal-Ftehim Antidumping u t-Trattat GATT.

Barra minn hekk, ir-regolament jimponi obbligu li ma jsirx – jinkludi ordni li tipprojbixxi lill-Istat Spanjol milli jieħu mill-ġdid deċiżjonijiet sabiex jitħallsu dazji antidumping – b'hekk jistakola t-teħid ta' kwalunkwe att ta' natura fiskali li jista' jiġi annullat fil-livell nazzjonali, peress li l-preżentata ta' rikors għal annullament tkun l-uniku mod li kellha IPM sabiex tannulla l-Artikolu 2 tar-Regolament 2016/278.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikorrenti ssostni li ma hemm l-ebda dubju li IPM għandha dritt, skont l-Artikolu 263 TFUE, li tippreżenta rikors għall-annullament tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2016/278, peress li l-imsemmi regolament, min-natura tiegħu stess u l-kontenut tiegħu, ma fih ebda miżura ta' implementazzjoni.

2. It-tieni aggravju, li huwa bbażat fuq it-talba magħmula lill-Qorti Ġenerali dwar ir-**rikonossiment tal-applikazzjoni retroattiva tal-effetti tal-Artikolu 1 tar-regolament** ikkontestat. F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li tqis il-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat, fejn tgħid li ma hijiex kompetenti sabiex tiddikjara r-retroattività tal-Artikolu 1 tar-Regolament ikkontestat, ir-rikorrenti tqis li din il-kompetenza hija konsegwenza neċessarja tal-annullament tal-Artikolu 2 tar-regolament, peress li dan l-artikolu jipprevedi l-limitazzjoni *ratione temporis* li fuq l-applikabbiltà tiegħu tirrattata r-rikors għal annullament ddikjarat inammissibbli. Għaldaqstant, it-talba għal dikjarazzjoni ta' retroattività tal-Artikolu 1 tar-regolament magħmula mir-rikorrenti hija kompletament ammissibbli, sa fejn hija stess, ladarba tiġi ddikjarata n-nullità tal-Artikolu 2 tar-regolament, tintlaq' impliċitament.

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/278, tas-26 ta' Frar 2016, li jħassar id-dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfili tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfili tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU 2016, L 52, p. 24)

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009, tas-26 ta' Janjar 2009, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfili tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2009, L 29, p. 1)